MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Numru. 1037/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**MARIO TABONE ta' 27 sena, iben Luciano u Anna nee' Rapinett, imwieled Tal-Pieta nhar it-18.04.1982, residenti fil-fond Block G-3, Flat 1, Triq l-Istiratur, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 247482M;**
**MARILYN GAUCI ta' 24 sena, bint Peter u l-mejta Salvina nee' Grima, imwielda nhar is-26.06.1985, residenti fil-fond 3, Peter House, Leli Falzon Street, Naxxar, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 329585M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija Mario Tabone u Marilyn Gauci li gew akkuzati talli:

1. Fit-3 ta’ Novembru, 2002, ghall-habta tas-siegha ta’ fil-ghodu fil-fond maghruf bhala Empire Discotheque, Triq San Gorg, Paceville, hebbew kontra l-persuna ta’ Sabrina Grech minn Santa Venera biex jingurjawha, idejquha, jew jaghmlu hsara lil din il-persuna u dan ai termini ta’ l-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew lill-persuna ta’ Sabrina Grech, u dan ai termini ta’ l-Artikoilu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Mario Tabone wahdu:

3. Talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi, ingurja jew hedded lill-persuna ta’ Sabrina Grech, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 339(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li Mario Tabone wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi Marilyn Gauci wkoll wiegbet illi ma kinitx hatja kif ukoll li ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Illi Sabrina Grech xehdet li kienet gewwa l-Empire, hemm rat lil Marilyn Gauci cioe’ l-gharusa ta’ Mario Tabone. Marilyn Gauci flimkien ma’ habibitha Rachel bdew jitfghulha l-botti ghax qabel hi kienet tohrog ma’ Mario Tabone. Qalet illi Marilyn qabdet tghajjarha u anke gibditilha xagharha. X’hin daret giet mizmuma minn Mario u habiba taghha, biex ma jiggieldux. Tkompliet il-glieda.

Tghid li rat daqqa ta’ ponn gejja lejha minghand Mario u fethulha ghajnejha.

Tghid li harguhom minn hemm il-bodyguards. Tghid illi Mario harab lill-pulizija. Tghid ukoll illi lilha serqulha l-mobile u l-flus. Tghid illi l-mobile xtratu Lm114.00 u naqqsilha Lm35.00. Tghid illi dawn rathom ghand Gauci l-ko-imputata, rathom f’qaddha. Spjegat illi l-incident gara meta hi marret it-toilet. Hemm Mario qabadha minn qaddha, staqsieha ‘Kif int?’, tghid illi hi baqghet miexja u li Marilyn bdiet toffendieha u ghax ma tatx kasha, gibditilha xagharha.

Innegat in kontro ezami li hi cemplet lil Mario u staqsietu biex taha daqqa ta’ ponn, anzi xehdet illi cemplitlu u staqsietu ghalfejn kien ghamlilha hekk (cioe’ taha daqqa ta’ ponn).

Fransiella Micallef ukoll tkellmet li kienet it-toilet u hemm raw lil Marilyn ma’ habiba taghha u bdew jiddiehku u jharsu lejhom. Xehdet illi Mario qallha ‘Kif int?’, u ghalkemm baqghet miexja, Marilyn gibditilha xagharha, u bdew izommuha. Tghid din ix-xhud illi anke zammitha milli titfa’ flixkun Budweiser lil Sabrina. Xehdet illi Mario mbaghad ta daqqa ta’ ponn lil Sabrina. Qalet li Mario anke heddidha lilha li jaghtieha daqqa ta’ ponn jekk tindahal. Harguhom barra u Mario harab jigri.

Rat ukoll l-affarijiet ta’ Sabrina go zaqq Marilyn, cioe’ il-mobile u l-kartiera. Dawn rathom ghax kellha gakketta miftuha, allura kienet qieghda zzommhom go qaddha mal-qalziet. Tghid illi ghalkemm ma ratx lil Marilyn tiehu dawn l-affarijiet ta’ Sabrina, wara li nizlet fit-toilet ghax Sabrina kellha wiccha kollu demm, hemm sabet il-handbag ta’ Sabrina vojt.

Svetlana Micallef ukoll kienet ma’ Sabrina u Fransiella. Qalet ukoll li fit-toilet ta’ l-Empire kien hemm Marilyn. Xehdet li Marilyn bdiet taqbad ma’ Sabrina billi bdew jidhqu. Qalet illi mbaghad bdew il-glieda. Qalet illi Marilyn qisha bdiet taqbad ma’ Sabrina ghax bdiet tirreferi ghaliha ghax bdiet tipponta lejha. Qalet illi Marilyn tatha lil Sabrina

daqqa bi spallitha, umbaghad inqabdet il-glieda bejn Marilyn u Sabrina. Ziedet illi hi x-xhud bdiet izzomm lil Sabrina, din qabdet lil Marilyn minn xagharha, umbaghad qabdet flixkun tal-Budweiser dritt lejha, tghid illi mn'alla ressqitha Fransiella. Tghid illi Mario wara dan taha daqqa ta' ponn. Xehdet illi dan hija ratu zgur (folio 48). Spjegat illi Sabrina giet milquta f'wiccha, fuq ghajnejha.

Ziedet illi l-glieda bdiet meta Marilyn tat daqqa go wicc Sabrina, umbaghad waddbitilha flixkun, pero hawn intervjeniet Fransiella. Xehdet ukoll illi Sabrina fil-glieda ma' Marilyn ma ghamlet xejn, ghaliex bdiet izzommha x-xhud stess.

Sabrina Grech regghet xehdet. Hawn ezebiet certifikat mediku (folio 65) li juri li hi f'wiccha kellha bzonn is-sutturi u sofriet griehi ta' natura gravi.

Ezebiet ukoll kopja ta' invoice tal-mobile, DOK SG ghall-ammont ta' Lm114.00. Din l-invoice fil-fatt giet ikkonfermata minn Charles Tabone, iben il-proprjetarju ta' l-istabbiliment.

Xehed ukoll Dr Ron Borg li kkonferma c-certifikat DOK RG a folio 15, rilaxxat fil-konfront ta' Sabrina Grech. Ikkonferma biss illi l-griehi sofferti minn Grech kien ta' natura gravi.

Gew ezebiti wkoll l-istqarrijiet tal-ko-imputati.

Ghalhekk Mario Tabone a tempo vergine ta' l-investigazzjonijiet qal hekk:
Qal f'dan l-istadju li hu verament qabel kien johrog ma' Sabrina Grech ghal kwazi erba' snin. Qal illi fid-data ta' l-incident huwa kien Paceville gewwa l-Empire. Innega li fl-incident in dezamina huwa ta daqqa ta' ponn f'wicc Sabrina. Qal anzi li hu kien l-Empire ma' l-gharusa tieghu. Qal illi Sabrina marret offrietlu sigarett u offriet anke lil Marilyn u qaltilha xi haga li ma jafx x'inhi. Qal illi qabdu jiggieldu n-nisa. Gew il-bodyguards u qabbzuh 'il barra. Ma kienx jaf jispjega l-isfregju li kellha f'wiccha. Qal illi forsi waqt illi kienu qeghdin jiggieldu n-nisa jista' jkun li din

habtet rasha. Qal illi x'hin hareg barra ra lil Sabrina hdejn il-bieb, dak il-hin raha xxarrab ghajnejha.

Minn naha taghha Marilyn Gauci qalet li gewwa l-Empire rat li Sabrina u wahda xagharha isfar. Dawn bdew jitfghuhlha l-botti. Qalet illi Sabrina bdiet tkellem lil Mario Tabone u mbuttatha. Qalet illi hi offendietha**.** Qalet illi Sabrina telqet, regghet marret lura, offritilha sigarett, offendietha u marret biex taghtieha. Tghid illi hi tatha u allura tatha lura. Tghid illi l-bouncers harguhom 'il barra. Tinnega li sabet handbag, mobile phone, u portmoni iswed. Tinnega li hadet l-istess, cioe' li serqithom.

Viva voce Mario Tabone xehed li kien qieghed jikkonferma l-istqarrija. Qal illi Sabrina marret fuqu biex taqla' l-inkwiet, offrietlu sigarett. Jghid illi hu dahal biss fil-kwistjoni meta qabdu jiggieldu pero li mill-ewwel marru l-bodyguards xehtuh 'il barra. Jghid illi Sabrina kienet fis-sakra – jghid illi n-nisa gew fl-idejn. Qal illi Sabrina kienet ilha taghti lil Marilyn fuq spallitha. Jghid illi l-glieda kienet ta' Marilyn, shabha, u Sabrina. Jghid ukoll illi ma ra ebda portmoni jew mobile.

Marilyn Gauci viva voce kkonfermat ukoll l-istqarrija minnha rilaxxata. Ziedet illi Sabrina kienet ilha xahar taqbad maghha, u toffendieha b'ommha u hekk. Qalet illi l-ewwel din Sabrina bdiet tkellem lil Mario, imbaghad offritilha sigarett. Din irrispondietha li ma kellhiex bzonnha. Tghid illi dak il-hin lanqas fehmet ezatt x'qaltilha, taf illi din Sabrina kienet sejra ghaliha u hi, Marilyn, qabdet tatieha.

Regghet innegat illi haditilha l-mobile u l-portmoni.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm neganti ta' kollox, certament Mario Tabone u Marilyn Gauci nnegaw dak kollu lilhom dedott. Pero x-xhieda okulari mressqa kienu kategorici dwar dak illi gara - li kien li Mario Tabone ta daqqa ta' ponn lil Sabrina Grech u li Marilyn aggredietha u sahansitra anke kienet ser tixhtilha flixkun. Tghid hi stess, Gauci, li ratha sejra lejha u qabdet tatieha.

Tqis ghalhekk li Tabone u Gauci huma hatja ta’ l-ewwel zewg akkuzi, taht l-Artikoli 339(d), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U Tabone wahdu taht l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide wkoll certifikati medici ezebiti).

Fil-konfront ta’ Marilyn Gauci, fejn giet akkuzata biss ta’ serq aggravat, rat li x-xhieda hbieb ta’ Sabrina Grech xehdu li raw il-mobile u l-kartiera ghand Marilyn. Anke semmghu certu bniedem Jonathan li seta’ jsahhah din it-tezi, pero dan ix-xhud qatt ma ngab jixhed. In vista’ ta’ hekk qieghda tilliberaha minn tali akkuza taht l-Artikoli 261, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, fil-konfront ta’ Mario Tabone, rat il-fedina penali tieghu, stante c-cirkostanzi fejn hemm anke l-probabbilta’ li kien hemm partecipazzjoni ta’ Sabrina Grech biex inqalghet din il-glieda, tqies illi ghandu jbaghti piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal tmintax(18)-il xahar, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront ta’ Marilyn Gauci, rat ukoll il-fedina penali taghha li hija ghal kollox netta, u qieghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------